# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2000**

**Numru: 2**

**Citazzjoni Numru: 222/94 JF**

**Josette Vella bhala direttrici ghan-nom u in rapprezentanza ta' Trafalgar Company Limited.**

**vs**

**Francis Vella u Joseph M. Vella bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza ta' Express Trailers Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess li s-socjeta' attrici kienet inkarigat lis-socjeta' konvenuta biex iggorrilha merkanzija mill-Italja ghal Malta, liema merkanzija kienet tikkonsisti f'porcellana u kellha tasal Malta minn Reggio Calabria fuq il-vapur Fast 3 fil jew madwar is-17 ta' Ottubru, 1993;

U premess li s-socjeta' konvenuta kienet ghabbiet mid-ditta esportatrici Taljana minn Milan sbatax-il "carton" ta' porcellana fuq trailer taghha sabiex jingarru fl-interess tas-socjeta' attrici;

U premess li s-socjeta' konvenuta ikkonsenjat lis-socjeta' attrici biss erbatax-il "carton" merkanzija fis-26 ta' Ottubru, 1993 u dan billi kien hemm tlett "carton" merkanzija nieqsa;

U premess li bhala konsegwenza ta' dan n-nuqqas is-socjeta' attrici sofriet dannu;

Talab li dina l-Qorti:

1. Dikjarati responsabbli ghad-danni kagjonati lis-socjeta' attrici bin-nuqqas ta' konsenja ta' merkanzija fuq imsemmija kif fuq inghad;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici f'dak l-ammont li jirrizulta tul it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez ghall-konvenuti nomine.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Francis Vella u Joseph M. Vella fil-kwalita' taghhom premessa fejn eccepew:

1. Illi ma humiex responsabbli ghad-danni pretizi mill-attrici nomine stante li l-merkanzija li ma gietx konsenjata giet misruqa minn terz/i skonoxxut/i fi zmien meta din kienet qeghda tigi trasportata lejn Malta wara li t-trailer li fih l-istess merkanzija kienet qeghda tigi trasportata gie zgassat u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici nomine;

2. Illi, fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, l-attrici nomine trid tipprova d-danni minnha pretizi.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti nomine fejn eccepixxew bir-rispett:-

1. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijet gja moghtija, fil-kaz li l-konvenuti eccipjenti nomine jinsabu responsabbli ghall-akkadut, ir-responsabbilta' taghhom hija limitata ai termini tal-kuntratt tal-garr u l-artikolu 23 tal-Konvenzjoni fuq il-Kuntratti dwar il-Garr Internazzjonali ta' Merkanzija bit-Triq.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti u l-affidavits li gew ipprezentati;

Semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament in-noti ta' osservazzjonijiet li gew sottomessi mill-partijiet kontendenti;

Trattata ezawrjentement il-kawza;

Ikkunsidrat li din hija azzjoni ta' danni reklamati mis-socjeta' attrici kontra dik konvenuta riferibbilment ghal nuqqas ta' konsenja ta' tlett (3) kaxxi ta' merkanzija, konsistenti f'oggetti ta' porcellana, parti minn konsenja akbar, b'kollox ta' 17-il kaxxa.

Illi jirrizulta li l-merkanzija de quo tghabbiet fuq "groupage container" minn Milan, l-Italja, waslet Reggio Calabria ghall-habta tas-17 ta' Otturbru 1993, tghabbiet minn hemmhekk fuq il-vapur "Fast 3", u li meta s-socjeta' konvenuta rrilaxxjat din il-merkanzija, taht il-kontroll ta' ufficjali doganali, instab li kien hemm tlett kaxxi neqsin. Il-konsenja lill-importatur, igifieri lis-socjeta' attrici saret fis-26 ta' Ottubru 1993. Bhala quantum tad-danni reklamat, is-socjeta' attrici talbet il-valur kollu tal-merkanzija li ma gietx ikkonsenjata lilha, igifieri Lm1,244.76c (hekk ara ittra, Dok A, a fol. 5 - 6 tal-process), kif ukoll l-import tad-dazju relativ fis-somma ta' Lm740.40c, u b'kollox ghalhekk ghall-ammont ta' Lm1,985.16c (elf disa' mija u hamsa u tmenin lira Maltin u sittax-il centezmu).

Ikkunsidrat li fl-ewwel lok il-konvenuti nomine qeghdin jirripudjaw kull responsabbilta' ghad-danni pretiza billi jghidu li l-oggetti de quo ma twasslux billi dawn sfaw misruqin minn terzi injoti waqt it-tragitt da parti taghhom lejn Malta u dan permezz ta' sgass tat-"trailer". Illi jkun

utli ghalhekk li qabel xejn tigi mistharrga dina l-eccezzjoni tal-konvenuti nomine.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-unika persuna li setghet tforni l-aqwa prova dwar l-allegat ghibien jew serq tal-merkanzija de quo kien Michele Xuereb, igifieri s-sewwieq tat-"trailer" fl-impjieg tas-socjeta' konvenuta li saq il-"groupage container", kif fuq inghad, sa Reggio Calabria. Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa x-xhieda ta' dan is-sewwieq, hija tal-fehma li x-xhieda tieghu mhijiex talment attendibbli li b'xi mod tissuffraga l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta. Dan Xuereb jghid li meta wasal Firenze, qabdu n-nghas u pparkeggja t-"trailer" f'auto-station – minghajr ma jippreciza bl-ebda mod fejn bl-ezatt – u jghid li raqad fil-kabina tat-trakk. Jghid li sema' bhal xi hadd ihabbatlu pero' ma ra lil hadd. Wiehed kien jistenna li dan ix-xufier ta' lanqas johrog jindaga x'seta' kien dan it-tahbit, izda, minflok jghid hekk,

*"U ergjat dhalt fis-sodda". (fol 73).*

Ighid li wara sema' hoss u sab il-katnazz li jsakkar il-bieb tal-"container" maqtugh. Ivverifika fuq fuq l-intern tal-"container" pero' hawn ukoll l-ispezzjoni tieghu kienet wahda superficjali ghall-ahhar billi xehed hekk,

> *"Jiena ma stajtx nikkonferma jekk hemmx in-nuqqas jew le ….. u ma stajtx inkun cert jekk hadux jew le. Dan kien il-dan tieghi (sic) li jiena m'ghamiltx rapport lill-Pulizija."*

Aktar tard, ix-xhud ivarja r-raguni l-ghala ma tax rapport lill-Pulizija billi jelabora li stante li parti mill-merkanzija kienet tikkonsisti f'settijiet tat-T.V. u videos, huwa beza' li xi hadd joqtlu biex jimpussessa ruhu minn tali oggetti.

Il-Qorti, kif dakinhar diversament ippresjeduta, meta rat il-mod superficjali ta' kif irreagixxa Xuereb, staqsietu hekk (fol. 74),

> *"<u>Il-Qorti</u>:- Allura inti mmaginajt li xi hadd sgassalek biex ihares lejn l-affarijiet?"*

U x-xhud wiegeb hekk: *"Ma nafx" (!)*

Mistoqsi mill-gdid mill-Qorti (fol.76) x'kien li m'ghamilx rapport lill-Pulizija avolja ssuspetta li serquh, ix-xhud wiegeb hekk,

> *"<u>Ghax ma kontx cert serquniex jew le</u>". (sottolinear tal-Qorti).*

Fl-istess xhieda, Xuereb ighid li huwa ghabba sbatax-il kartuna porcellana (fol. 76) pero' mal-istqarrijiet tal-Pulizija jghid li beda jghodd biss erbatax-il kaxxa. Il-Qorti inoltre tosserva li t-tieni "statement" rilaxxjat minn Xuereb lill-Pulizija (ara Dok AFM,1, a fol 178 u 179 tal-process) ma giex iffirmat minn Xuereb. In-nuqqas ta' professjonalita' u diligenza da parti tax-xufier lanqas pero' ma tieqaf hawn. Jirrizulta li wara li allegatament Xuereb sab il-katnazz ta' wara maqsum, ix-xhud lanqas kien fi grad jghid jekk ghamilx katnazz iehor jew le minfloku billi xehed (a fol. 79) hekk,

> *"Ma niftakarx assolutament ghamiltx iehor jew le. Jiena minghalija kelli tnejn. Minghalija, ma niftakarx."*

Dan ix-xhud lanqas biss seta' jghid jekk il-"container " sarlux sigill gdid f'Reggio Calabria. Quddiem xhieda bhal din, certament ma jista' qatt jigi accettat dak li eccepew il-konvenuti nomine. Anzi, l-istess Xuereb xehed li meta hu cempel lill-imghallem tieghu, il-konvenut Francis Vella nomine, dan skond hu "lanqas qisu ried jemmen". Meta wiehed iqis imbaghad, li dan ix-xhud suppost kien ilu, kif ighid hu, fil-mestjer xi sittax-il sena, l-inkompetenza jew nuqqas ta' diligenza tieghu tassumi forza akbar.

Mistoqsi dwar il-katnazz, il-konvenut Francis Vella (fol 29) lanqas seta' jghid jekk kienx sar iehor minfloku jew le u jirreferi d-domanda lura biex din issir lil Xuereb. Anki dan Francis Vella stqarr mal-Pulizija li dwar l-allegat serq ma setax ikun kategoriku, di fatti jghid u jwiegeb lill-Pulizija hekk (ara Dok AFM 2, a fol 180 tal-process),

> *"Kien cempilli (i.e. ix-xufier Xuereb) min-naha ta' Napli pero' qalli li kienu qatghu l-katnazz u xi hadd messlu xi xoghol minn wara pero' ma kienx cert jekk hadulux jew le. Dan ma qallix x'seta' kien nieqes peress li ma kienx jaf."*

Illi skond ma xehdet Josette Vella (ara affidavit, a fol 212 – 213 tal-process), prodotta mis-socjeta' attrici, mhux talli ma sarx rapport lill-Pulizija Taljana "a tempo debito" min-naha tas-socjeta' konvenuta imma li di piu lilhom lanqas biss infurmawhom b'xejn, bil-konsegwenza li huma lahqu hallsu d-dazju ta' l-importazzjoni kollu u li meta ghamlu talba ghal fini ta' rifuzjoni ta' dazju fuq oggetti li ma waslux, din it-talba giet rifjutata mill-awtoritajiet koncernati billi – ara xhieda ta' Caesar Grech, a fol 194 – 200 - ma kienx hemm prova dokumentali minn barra li turi tali "short delivery" – u dana kollu huwa attribwibbli ghall-nuqqasijiet da parti tas-socjeta' konvenuta u ta' hadd izjed. Illi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta' konvenuta bl-ebda mod ma ppruvat sodisfacentement li sehhet tassew xi serqa f'dan il-kaz jew li kien hemm xi forza magguri li fuqha hija ma kellhiex kontroll. Ghalhekk ir-responsabbilta' legali ghall-akkadut hija taghha u s-socjeta' kovenuta ghandha kwindi twiegeb ghad-danni kagjonati.

Illi dwar id-danni, il-konvenuti nomine eccepew ulterjorment li l-quantum tad-danni kellu jkun limitat ai termini tal-kuntratt tal-garr u l-artikolu 23 tal-Konvenzjoni fuq il-Kuntratti dwar il-Garr Internazzjonali ta' Merkanzija bit-Triq. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom (fol 217 – 219 tal-process) huma ghamlu kalkoli biex jghidu kif allura il-kumpens relativ ghat-tlett kaxxi neqsin kellu jkun ta' Lm266.24, eskluz id-dazju, u mhux kif talbet l-attrici nomine.

Illi min-naha l-ohra, is-socjeta' attrici tissottometti li din il-Konvenzjoni ma kenitx applikabbli ghall-kaz in ezami billi dina tapplika biss fejn il-partijiet li jkunu involuti fil-garr partikolari jkunu dahlu fi ftehim ta' garr permezz ta' kuntratt, li ma jirrizultax hawn li sar hekk.

Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet f'dan ir-rigward maghmulin mill-attrici nomine. Ma jirrizultax li sar xi ftehim f'dan il-kaz permezz ta' kuntratt li jaghmel referenza ghal dik il-Konvenjoni citata mill-konvenut nomine. Anzi, l-istess Francis Vella xehed li lanqas kien jaf "it-terms kif kienu" – ara fol 34 tal-process. Mistoqsi ripetutament u direttament mill-avukat tieghu dwar is-CMR Conditions, il-konvenut jghid hekk (fol 35),

> *"Irrid niccekkja, niccekkja maghhom, ma l-agenti f'dan il-kaz partikulari jigifieri".*

Din il-prova jew ir-rizultat ta' verifika ulterjuri ma waslet qatt. Isegwi ghalhekk li ghandhom jigu applikati l-artikoli relevanti mill-Kodici Civili nostran, Kap 16, fejn jitkellem dwar il-garr tal-merkanzija fuq l-art – ara artikoli 1628 sa 1632. Dan ifisser li l-ammont ta' danni f'dan il-kaz ghandu jikkorrispondi u jekwivali ghall-ammont kollu mitlub mis-socjeta' attici, igifieri, Lm1,244.76c prezz tal-oggetti neqsin u

Lm740.40c rapprezentanti l-import ta' dazju mhallas fuqhom, b'kollox Lm1,985.16c.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet originali u dawk ulterjuri sollevati mill-konvenuti nomine, tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti, b'dan li ghall-fini tat-tieni talba qeghda tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm1,985.16c. Il-kap ta' l-ispejjez jithallas interament mill-konvenuti nomine.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat registratur.

md